

# Il-Maddalena Qaddisa Rikonoxxuta Tard

***Victor Scerri***

Jiena ilni noqgħod il-Belt, snin twal. Preċiżament fi Triq il-Merkanti, triq twila u sabiħa, bin-naħa ta' fuq tagħha mifruxa għan-negozji (għalhekk Triq il-Merkanti) u n-naħa t'isfel tagħha iktar residenzjali. Ftit 'l isfel minn fejn noqgħod jien, hemm kappella sabiħa u qadima. Din il-kappella, fl-istess triq, kienet għamlet żmien twil magħluqa u abbandunata għal kollox.



Ġie żmien imbagħad, fejn din il-kappella traskurata, bdiet tintuża. Imma mhux bħala kappella. Grupp ta' nies, dilettanti tal-Karnival, li ma kellhomx imħażen fejn jaħdmu l-karrijiet u maskeruni tagħhom, użaw din il-kappella biex fiha jaħdmu x-xogħol kollu konness mal-Karnival. Ma tagħtihomx tort. Li kienu jagħmlu, kienu jagħmluh għall-pjaċir tagħna.

Biss ma kienx xieraq li din il-kappella tintuża għal dan il-għan. L-ewwel nett għad li kappella, xorta dar t'Alla u wkoll, il-ħaddiema tal-karrijiet u l-maskeruni tal-Karnival, kien jixirqilhom post addattat għaż-żminijiet. Biex ma ntawwalx, din il-kappella ttieħdet taħt il-ħarsien tal-patrijiet Dumnikani tal-Belt, u bir-raġun kollu li taqa' taħt id-Dumnikani, għax tagħmel parti mill-parroċċa, u aktar, kif se taqraw aktar 'l isfel, reġgħet infetħet bħala kappella, dedikata lil Maddalena.

Din il-Kappella ta' Santa Marija Maddalena qajmitli sa minn snin ilu interess. Interessajt ruħi nkun naf l-istorja tagħha. Ridt inkun naf aktar dwarha. Staqsejt, fittixt, għarbilt, studjajt u ksibt it-tagħrif li ridt. Ma' dan, żdiedli l-interess dwar il-qaddisa nnifisha, qaddisa li għal ħafna u ħafna snin, batiet il-pregudizzju u baqgħet miżmuma bħala mara xellerata ta' bla ġieħ.

## Ftit ta' informazzjoni dwar il-qaddisa Maddalena

Il-qaddisa Marija Maddalena hija waħda mill-akbar qaddisin tal-Bibbja u eżempju leġġendarju tal-grazzja u l-ħniena t'Alla. M'hemmx dati preċiżi ta' meta twieldet u mietet imma nafu li kienet preżenti ma' Kristu tul il-ministeru pubbliku tiegħu, mewtu

u l-qawmien tiegħu mill-mewt. Fil-Vanġeli hi msemmija ta' lanqas tnax-il darba. Għal żmien twil fil-Kristjaneżmu tal-Punent, Marija Maddalena kienet meqjusa bħala prostituta jew ta' moralità sesswali baxxa imma dan mhux issostanzjat fl-Iskrittura.



Huwa meqjus li hija kienet mara Lhudija li għexet fost il-Ġentili, u li kienet tgħix, bħalhom. Il-Vanġeli jaqblu li Marija Maddalena, kienet oriġinarjament midinba mill-kbar. Meta Ġesù ltaqa magħha ħarġet minnha sebat ixjaten. Wara li seħħ dan, hija qalet b'dan lil xi nisa li kienet imsieħba magħhom u dawn in-nisa, ukoll, ingħaqdu u saru segwaċi ta' Ġesù. Hemm ukoll dibattitu dwar jekk Marija Maddalena hix l-istess mara midinba li isimha ma jissemmiex illi bkiet u ħaslet saqajn Ġesù u xxuttathomlu b'xagħarha skont il-Vanġelu ta' San Ġwann.

Xi studjużi ma jemmnux fiċ-ċert li din kienet l-istess persuna. Minkejja d-dibattitu tal-istudjużi dwar l-isfond ta' ħajjitha, dak li għamlet fil-ħajja konvertita, wara li ltaqgħet ma' Ġesù, huwa aktar sinifikanti. Ċertament li hija kienet midinba, li ġiet meħlusa minn Ġesù. Matul il-ministeru ta' Ġesù, hu maħsub li Marija Maddalena imxiet warajh, flimkien ma' dawk ta' madwaru li qdew lil Ġesù u lid-Dixxipli tiegħu.

Il-Maddalena aktarx rat il-kruċifissjoni ta' Ġesù minn ċertu bogħod ma' nisa oħrajn li mxew wara Kristu tul il-ministeru tiegħU. Kienet saħansitra hemm meta Kristu qam mill-mewt, hekk kif żaret qabru biex tidlek il-ġisem tiegħU u sabet il-ġebla mressqa u Kristu ħaj tassew, bilqiegħda fil-post fejn difnuH. Hija kienet l-ewwel xhud tal-qawmien tiegħU. Wara l-mewt ta' Ġesù, jingħad li hija baqgħet fost l-ewlenin Kristjani.

## Jiena u Papa Franġisku

Dwar ħajjitha nieqaf ftit hawn. Minn mindu il-Kappella tal-Maddalena, dik ta' ftit 'l isfel minn fejn noqgħod jien, reġgħet bdiet tintuża għall-funzjonijiet reliġjużi, jiena żviluppajt l-interess tiegħi fl-arti sagra li turi lil din il-qaddisa. Fittix u sibt ħafna tagħrif dwarha. Irrid ngħid, li għandi kollezzjoni sabiħa ta' ritratti li juru pittura, knejjes, kappelli u statwi tal-Maddalena.

L-ispinta kompla tahieli Papa Franġisku li fil-vesti tiegħu ta' Mexxej tal-Knisja Kattolika, ipproklama d-data tat-22 ta' Lulju, bħala l-festa ta' Santa Marija Maddalena. Dan il-Papa qaddis, li għadu jmexxina spiritwalment b'kariżma kbira ħafna, xegħel sewwa l-kult ta' din il-qaddisa, li kien kważi mitfi għal kollox f'pajjiżna, għax baqgħet biss meqjusa bħala midinba.

Issa, li bis-saħħa ta' dan il-Papa, il-festa tagħha ġiet stabbilità, tajjeb niftakru f'kemm il-knisja u kappella nsibu dedikati lilha. Pajjiżi bħal Franza, l-Ingilterra u Spanja, għandhom devozzjoni li tmur lura ħafna snin lejn Santa Marija Maddalena. Għandna wkoll kappelli f'Malta, dedikati lilha.

**Ftit informazzjoni oħra dwar Santa Marija Maddalena**

Ħa nagħtikom ftit tagħrif ieħor, l-aħħar ftit dwarha. Dan biex min għadu ma jafx lil din il-qaddisa, mat-tagħrif li diġà tajt dwarha, isir jafha ftit ieħor jew aħjar. Wara erbatax-il sena, jingħad li hija tqegħdet mill-Lhud f'dgħajsa, flimkien ma' xi qaddisin oħra tal-ewwel żminijiet tal-Knisja Nisranija, u d-dgħajsa tħalliet tbaħħar fuq l-ilma mingħajr qlugħ jew imqadef.

Id-dgħajsa żbarkat fin-naħa t'isfel ta' Franza, fejn hija qattgħet l-aħħar snin ta' ħajjitha, tgħix f'solitudni ġewwa għar. Dan l-għar għadu sal-lum jitmexxa mid-Dumnikani. Hawn ta' min isemmi li l-Maddalena hi waħda mill-erba' patruni tal-Ordni Dumnikan, flimkien ma' Santu Wistin, San Servatu u Santa Katerina ta' Lixandra. Illum, Marija Maddalena hija l-patruna tal-konvertiti, midinbin sogħbiena kellhom tentazzjonijiet sesswali, tal-ispiżjara, tal-konzaturi u n-nisa u ta' ħafna postijiet u kawżi oħrajn. Ta' min jgħid ukoll li hija msejħa saħansitra bħala Marija ta' Magdala.



Marija Maddalena titqies b'qaddisa mhux biss fil-Knisja Kattolika, imma wkoll fil-knejjes tal-Lvant, f'dawk Ortodossi, fil-knejjes Anġlikani u f'dawk Luterani. Knejjes oħra Protestanti jonorawha bħala eroina tat-twemmin. Il-knejjes Ortodossi tal-Lvant saħansitra jfakkruha fil-Ħadd tal-Ġarrejja tal-Mirra, l-ekwivalenza tal-Ortodossi għall-waħda mit-tradizzjonijiet tat-Tliet Santa Marijiet tal-Punent.

Fiż-Żminijiet tan-Nofs, fil-Kristjaneżmu tal-Punent, Marija Maddalena kienet meqjusa bħala prostituta sogħbiena jew mara promiskwija, akkużi li ma jinstabu f'ebda wieħed mill-erba' Evanġelji Kanoniċi. It-tliet Santa Marijiet tal-Punent huma: Il-Verġni Marija, omm Ġesù, Marija ta' Betanja, oħt Marta u Lazzru u Marija Maddalena. Barra minn hekk kien hemm Marija omm Ġjomu u Marija Salome'.

## Konklużjoni: Il-Maddalena ġiet vindikata fostna wkoll

Irid hawnhekk jingħad, illi allura, Santa Marija Maddalena ġie vindikata f'pajjiżna ukoll, għaliex minn fuqha waqa' kompletament il-preġudizzju li kellna lejha, bħala prostituta jew mara ħażina, għax difatti, galadarba hija aċċettat il-konverżjoni, la baqgħet prostituta u lanqas b'xi mod jew ieħor mara ħażina jew tad-dnub, anzi, saret mara mill-aqwa.

Ftit kurżitajiet tal-aħħar. Kontu tafu li l-lokalità tal-Madliena, hija msemmija appuntu għal Santa Marija Maddalena? Madliena hija appuntu, l-kelma b'xi mod imgħawwġa jew korrotta kif ngħidu lingwistikament ta' Maddalena. U f'din il-lokalità ma jistax jonqos li jkun hemm knisja maħtura lil din il-qaddisa. Anki djar b'xi kwadru tagħha, f'pajjiżna, hawn ukoll. Għax mhux preġudizzju biss kien hawn lejha. Kappella oħra f'Malta li hija ddedikata lil Maddalena hija dik ta' fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli.

Fost xogħlijiet artistiċi kbar li juru lil Santa Marija Maddalena, u li minnhom hawn mhux ħażin, u huma ta' kull epoka artistika, insibu saħansitra xogħol tal-pittur ċelebri Michelangelo Merisi li f'pajjiżna u f'ħafna pajjiżi oħra huwa aktar magħruf bħala Caravaggio. Il-pinzell ġenjali tiegħu ried ukoll jonora lil din il-qaddisa u forsi jagħmel ġustizzja magħha.



Minn knejjes sa kappelli, minn statwi sa opri tal-art oħra bħal pittura, minn niċeċ sa ismijiet, Santa Marija Maddalena hi turija ta' mara influwenti fost is-soċjetà ta' żmienha, mara b'saħħitha, li minkejja li għaddiet minn mumenti tqal u diffiċli, għarfet tegħleb dawn il-problemi billi tirrealizzahom u tikkonverti minnhom biex tħaddan il-grazzja u xxerred isem il-Mulej.

Il-Maddalena sfat vindikata fostna wkoll. J'Alla d-data tat-22 ta' Lulju, jum il-festa tagħha, ma tintesiex. J'Alla kull knisja u kappella dedikati lilha f'Malta u lil hinn minnha jkunu dejjem imballati bin-nies, fil-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fihom. J'Alla dawk in-nies li jattendu bħal Maddalena, jagħrfu ħtijiethom u jikkonvertu. Il-kult tal-Maddalena twieled mill-ġdid biex ma jerġax imut. Mervailja, li mara bħala Maddalena, b'personalità formidabbli, tibqa' tkun ta' eżempju għalina l-midinbin, biex ma naqtgħux qalbna mill-Ħniena ta' Alla, nirrassenjaw ruħna għar-rieda tiegħU u nintelqu f'idejH. Il-Maddalena hekk għamlet biex tqieset b'qaddisa.